SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA**

**24 ta' Frar 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-7.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, u l-Kunsillieri Rita Saliba, Violet Bajada, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss u David Dalli.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsillier Neville Mallia.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Stqarrijiet Finanzjarji ghal 2009**

9.1.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bl-abozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2009, li kopja tagħhom tinsab anessa bħala dokument 9A ma' dawn il-minuti.

9.1.2 B'sodisfazzjon, il-Kunsill inotta li matul din is-sena li kienet ta' disa' xhur minħabba l-emendi fil-Liġi, l-Kunsill jirriżulta li rkupra madwar €95,000 mid-defiċit u kien għaldaqstant mistenni li sa tmiem is-sena finanzjarja kurrenti, l-2010, dan kien rikuperat fis-sħiħ.

9.1.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

*9.1.3 "Il-Kunsill japprova l-Stqarrijiet Finanzjari 2009 kif ippreżentati."*

9.1.4 Din il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss.

9.1.5 Il-mozzjoni għaddiet bi 3 Favur, 0 Kontra u 4 Astensjonijiet, fejn wara talba għal *division* irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, l-Kunsilliera Marica Bayliss u David Dalli filwaqt li l-astenzjonijiet kienu tal-Kunsilliera Violet Bajada, Joan Farrugia, Rita Saliba u Anthony Mifsud Bonnici li kkwalifikaw l-astenzjoni tagħhom għar-raġuni li minħabba l-emendi fil-Liġi mhux qed ikollhom fotokopja tad-dokumenti anessi mal-aġenda.

**9.2 Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

9.2.1 Il-Kunsill unanimament qabel li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ssir fid-9 ta' Marzu 2010, fis-7.30 ta' filgħaxija.

9.2.2 Kien ukoll spjegat illi minn informazzjoni mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Laqgħa Annwali tal-*Hamlet* ta' Kappara ma għandiex issir.

**9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Estimi Annwali 2010**

9.3.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bl-abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja li tintemm fl-31 ta' Diċembru, 2010, u li kopja tagħhom tinsab anessa ma' dawn il-Minuti bhala dokument '9B'.

9.3.2 Fid-diskussjoni li saret dwar l-Estimi Annwali kien inottat li l-Kunsill hu mistenni li jkun irkupra d-defiċit finanzjarju tiegħu sa tmiem is-sena finanzjarja filwaqt li ser ikun impenjat bis-sħiħ sabiex jakkwista kemm jista' fondi mid-diversi skemi tal-Gvern Ċentrali u oħrajn li jkunu disponibbli bil-għan li jwettaq kemm jista' proġetti fil-lokalita'.

*9.3.3* Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

9.3.4 *Il-Kunsill japprova l-Estimi Annwali 2010 kif ippreżentati u li juru bilanċ pożittiv fi tmiem is-sena finanzjarja."*

9.3.5 Din il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss.

9.3.6 Il-mozzjoni għaddiet bi 3 Favur, 0 Kontra u 4 Astensjonijiet, fejn wara talba għal *division* irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, l-Kunsilliera Marica Bayliss u David Dalli filwaqt li l-astenzjonijiet kienu tal-Kunsilliera Violet Bajada, Joan Farrugia, Rita Saliba u Anthony Mifsud Bonnici li kkwalifikaw l-astenzjoni tagħhom għar-raġuni li minħabba l-**"~~emendi fil-Liġi"~~ "Memo tad-Dipartiment"** mhux qed ikollhom fotokopja tad-dokumenti anessi mal-aġenda.

**Emendata Laqgħa nru. 10**

## 9.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

9.4.1 Il-Kunsillier ikkunsidra l-iskedi tal-pagamenti numru 15 u 16 li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "9Ċ" u "9D".

9.5.2 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici għamel referenza għar-rifjut tat-talba tiegħu sabiex jisspezzjona dokumenti finanzjarji tal-Kunsill billi jarahom waħdu fl-ufficcju, fejn kien il-Kunsill kien infurmat li dan ma kienx permess bil-Liġi, fejn inqara wkoll komunikat mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward, li testwalment jgħid:

9.5.3 *"Il-Kunsillier għandu dritt jara l-invoices iżda peress li dawn għadhom ma ġewx diskussi mill-Kunsill m'għandhomx jingħataw kopji tagħhom. Il-Kunsillier jista' jarahom meta jindikalu s-Segretarju Eżekuttiv. Ma jistax jarahom jekk mhux fil-preżenza ta' uffiċjal."*

9.5.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

9.5.5 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi tal-pagamenti numru 15 u 16 kif imressqa* ***"għajr għall-wieħed mill-pagamenti tat-trophies tal-Karnival 2010 peress li dawn kienu difettużi".***"

**Emendata Laqgħa nru. 10**

9.5.6 Din il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss.

9.5.7 Il-mozzjoni għaddiet bi 3 Favur, 0 Kontra u 4 Astensjonijiet, fejn wara talba għal *division* irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, l-Kunsilliera Marica Bayliss u David Dalli filwaqt li l-astenzjonijiet kienu tal-Kunsilliera Violet Bajada, Joan Farrugia, Rita Saliba u Anthony Mifsud Bonnici li kkwalifikaw l-astenzjoni tagħhom għar-raġuni li minħabba l-**"~~emendi fil-Liġi~~" "Memo tad-Dipartiment"** mhux qed ikollhom fotokopja tad-

dokumenti anessi mal-aġenda, **“apparti dan il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici astjena wkoll minħabba li ma ġiex mogħti permess jara l-*invoices* fil-kamra “gallinar” li hemm a dispożizzjoni tal-Kunsilliera”**.

**Emendata Laqgħa nru. 10**

**9.6. Data tas-seduta li jmiss**

9.6.1 Il-Kunsill unanimament qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir fid-9 ta’ Marzu 2010, fil-5.30 ta’ filgħaxija

9.6.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.45 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum **17** ta’ Marzu, 2010

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Agius<br>Sindku | Adrian Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |